Ref No: 2010/06/51
Cons Tel No: 27382009

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 323/10

**Carmelo u Mary Alfino**
**vs**
**Sirap Ltd.**

Illum 13 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 t'Awwissu, 2010 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf u erbgħa w għoxrin ewro (€1,024), rappreżentanti prezz ta' *laptop* li fi żmien il-garanzija kellu l-ħsara.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw *laptop* għal prezz ta' elf u erbgħa w għoxrin ewro (€1,024), u wara ftit xhur kellu l-problemi u minkejja li ħaduh għat-tiswija, l-għada reġa' kellu l-problemi u l-problema reġgħet irrepetiet ruħha, u għalhekk qed jitolbu li jingħataw *laptop* ġdid.

L-intimat issottometta bil-miktub illi l-*laptop* m'għandu xejn ħażin u hija kwistjoni ta' *software.*

Minħabba n-natura teknika, t-Tribunal qabbad espert tekniku, lill-Avukat Dr. Stephen Farrugia Sacco sabiex janalizza l-ħsara u jirrelata lit-Tribunal. Jidher illi l-*laptop* issewwa, pero' għad baqa' l-kwistjoni tal-garanzija.

It-Tribunal, għalhekk jordna illi l-kwistjoni tal-garanzija tiġi risolta billi terġa' titkattar il-garanzija biż-żmien li dam bil-ħsara.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, jestendi l-ammont tal-garanzija bi tmien xhur minn Mejju 2011, bl-ispejjeż inkluż dawk ta' l-espert tekniku jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Av Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX. (+356) 21239888